32006L0081

L 362/92 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 20.12.2006

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/81/KE

tat-23 ta' Ottubru 2006

li tadatta d-Direttiva 95/17/KE dwar in-non-inklużjoni ta' ingredjent wieħed jew aktar fil-lista wżata għat-tikkettjar tal-prodotti kosmetiċi u d-Direttiva 2005/78/KE fir-rigward tal-miżuri li jridu jittieħdu kontra l-emissjoni ta' tniġġiż ta' gass u partikuli minn makni li jintużaw għall-vetturi, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 56 tal-Att ta' Adeżjoni, fejn azzjonijiet li jibqgħu validi wara l-1 ta' Jannar 2007 jitolbu adattament minħabba l-adeżjoni, u l-adattamenti meħtieġa ma ġewx previsti fl-Att ta' Adeżjoni jew fl-Annessi tiegħu, l-adattamenti meħtieġa għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni fil-każijiet kollha fejn il-Kummissjoni adottat l-att oriġinali.

(2) L-Att Finali tal-Konferenza li fasslet it-Trattat ta' Adeżjoni indikat li l-Partijiet Kontraenti Għoljin laħqu ftehim politiku dwar sett ta' adattamenti fuq atti adottati mill-Istituzzjonijiet meħtieġa minħabba l-adeżjoni u li l-Kunsill u l-Kummissjoni huma mistiedna jadottaw dawn l-adattamenti qabel l-adeżjoni, kompluti u aġġornati fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi kkunsidrata l-evoluzzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 95/17/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 li tistabilixxi regoli dettalji għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE in-non-inklużjoni ta' ingredjent wieħed jew aktar fil-lista wżata għat-tikkettjar tal-prodotti kosmetiċi [1] u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/78/KE tal-14 ta' Novembru 2005 li timplimenta d-Direttiva 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilll dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-

1 ĠU L 140, 23.6.1995, p. 26.

emissjoni ta' inkwinanti gassużi u partikulati minn magni li jaħdmu b'kopressjoni għall-użu fil-vetturi, u l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi minn magni *positive ignition* li jaħdmu bil-gass naturali jew bil-gass likwidu tal-petroljum għall-użu f'vetturi u li temenda l-Annessi I, II, III, IV u VI tagħha[2], għalhekk għandhom ikunu emendati skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

Id-Direttivi tal-Kummissjoni 95/17/KE u 2005/78/KE huma emendati kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, l-aktar tard sad-data tal-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

   Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mid-data tal-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif trid issir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ soġġetta għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Artikolu 4

Id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri

[2] ĠU L 313, 29.11.2005, p.1.

Magħmula fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2006

Għall-Kummissjoni
Olli Rehn
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

MOVIMENT ĦIELES TAL-PRODOTTI

A. VETTURI BIL-MUTUR

32005 L 0078: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/78/KE tal-14 ta' Novembru 2005 li timplimenta d-Direttiva 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi u partikulati minn magni *compression ignition* għall-użu f'vetturi, u l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi minn magni *positive ignition* li jaħdmu bil-gass naturali jew bil-gass likwidu tal-petroljum għall-użu f'vetturi, u li temenda l-Annessi I, II, III, IV u VI taghha (ĠU L 313, 29.11.2005, p.1), kif emendat minn:

– 32006 L 0051: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/51/KE tas-6.6.2006 (ĠU L 152, 7.6.2006, p. 11).

Fl-Anness V li ġej għandu jiġi miżjud ma' punt 1, settur 1:

"34 għall-Bulgarija", "19 għar-Rumanija"

B. KOSMETIĊI

31995 L 0017: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 95/17/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE dwar in-non-inklużjoni ta' ingredjent wieħed jew aktar fil-lista użata għat-tikkettjar tal-prodotti kosmetiċi (ĠU L 140, 23.6.1995, p. 26), emendata minn:

– 12003 T: Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni u l-aġġustamenti tat-Trattati - Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

Fl-Anness, li ġej għandu jiġi miżjud f'punt 2 wara "25 Slovakkja":

"26 Bulgarija

27 Rumanija".